***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 54**

**It-Tnejn 18 ta' Settembru 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Ryan Portelli- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

**54.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Is-Sur John B Camillieri u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli bgħat messaġġ, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd ser jibgħat iktar tard għalkemm kien infurmana verbalment f'seduta ta' qabel u ser jibgħat l-imejl iktar tard waqt din is-seduta.

**54.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 53 li saret Nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023:***

**54.2.1** ***Korrezzjoni tal-Minuti:***

54.2.1.1 Is-Sindku qal illi fl-ewwl paġna il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ma kienx assenti u l-Kunsillier John Schembri ismhu imniżżel darbtejn.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ta' l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondata l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**54.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 53 li saret Nhar it-Tlieta 22 ta' Awwiuss 2023.***

54.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 53.2.2.1 fejn qal li tkellem mas-Segretarju Parlamentari is-Sur Etienne Abela fuq is-Silver T u qal li jekk dejjem naqblu wasalna sabiex niffirmaw l-MOU.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice falzon staqsiet jekk l-MOU hux lesta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għada le għaliex qed tiġi draftjata bl-avukat tagħhom. Huwa kompla jispjega li dan is-servizz mhux ser ikun biss għal lokal tagħna imma għal-distretti oħra.

Is-Sindku talab sabiex jintbagħat reminder ħalli jikkonkludu fuq din l-inizjattiva.

54.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 53.2.2.3 fejn qal li dan ix-xow mar tajjeb ħafna fejn anke attendew il-Kunsilliera is-Sur Charlot Mifsud, is-Sinjura Maryrose Mifsud, is-Sur John B Camilleri u l-Dr Patrick Camilleri u fakkar ukoll li din l-event kienet imħalsa kollha min-naħa tar-Reġjun ħlief xi kirja siġġijiet.

**54.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 53.2.2.5 fejn qal li attenda għal din il-laqgħa flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud u s-Sur John B Camilleri, però ma idduskutewx fuq is-*circulation bus,* imma fuq *residential parking* fejn qal li din ma tistax tiġi applikata fil-lokal tagħna. Huwa qal ukoll li ser jsiru diskussjonijiet mal-LESA sabiex f'ċertu ħinijiet ma jingħatawx ċitazzjonijiet minħabba l-problema ta' parkeġġ li għandna fil-lokal tagħna.

**54.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 53.2.2.6 fejn staqsa jekk bgħatniex lis-Segretarju Parlamenti jew il-Ministeru fuq l-ilmenti li kellna rigward id-*dog friendly beach* sabiex jiġu ndirizzati fosthom aċċess aħjar għal annimali.

**54.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 53.2.2.11 rigward il-funtana ta` Ġnien Sant Anna fejn qed jitkellmu dwarha l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-ħaddied tal-Kunsill ħalli jitkompla ix-xogħol fuqha.

**54.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 53.3.1 informa lill Kunsilliera illi din il-ġimgħa ser jmorru għal seduta fil- parlament flimkien maż-żagħżugħ maħtur Nicolai Mangion.

**54.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 53.3..3 fuq l-attivita` tal-Milied fejn qal li l-budget għal din is-sena huwa biss ta` €12,000.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi wara li ġibdulna l-attenzjoni tal-NAO huwa mportanti li huwa jkun involut rigward kif ser jinqasmu l-ispejjeż u ser jinġiebu l-kwotazzjonijiet. Huwa kompla jispjega illi per eżempju fir-rigwrad tad-dawl tal-Milied tat-toroq qalu li trid toħroġ sejħa waħda bl-epps u mhux tinqasam fi tnejn la hija fuq l-istess natura tax-xogħol.

Is-Sindku qal li għandu jiltaqa' il-kumitat ħalli jiġi mfassal il-budget.

**54.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 53.3.4 fejn staqsa jekk bgħatniex l-imejl ħalli filkas tinbgħat.

**54.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.12 fuq il-Prima messa ta Fr Gylan fejn attenda flimkien mal-Kunsilliera Charlot Mifusd, John Baptist Camilleri u Maryrose Mifsud.

**54.2.2.10** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.14 fejn qal illi l-erbgħa rikonoxximent ta' Jum Marsaskala ingħataw lil Soċjeta Mużikali Marsaskala, Grupp tal-Armar, Grupp tan-Nar u s-Sur Rudy Guhler tal-Art Gallery.

**54.2.2.11** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.16 fejn qal li l-Karnival kien suċċess u anke ingħata *token* ta' ringrazzjament lil minn ħa sehem fil-karrijiet.

**54.2.2.12** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.17 tkellem fejn qal li is-Sinjura Cavlan bgħatet ukoll imejl illi hemm domanda mingħand nies li huma interessati li apparti fjuri hemm min hu nteressat li jiżirgħu prodotti tal-ikel biex wara jitqassmu l-dawk fil-bżonn.

**54.2.2.13** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 53.3.19 fejn qal li kellu laqgħa iebsa mal-kuntrattur tal-iskart però minn dak in nhar is-sitwazzjoni irranġat għal aħjar.

**54.2.2.14** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 53.3.20 fejn qal li wara li kien kellem is-CEO tal-Project Green Steve Ellul xi żmien ilu issa sar il-*fencing* kollhu li kien baqa fil-ġnien u sar qbil ukoll li ser jiżirgħu il-ħwat ta' max-xatt ~~tal~~ bil-pjanta Carissa li tgħamel furi sofor u ħomor u minkejja li ssebbaħ tiflaħ għal-elementi.

**54.2.2.15** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 53.4 fejn tkellem fuq il-proposta ta Triq iż-Żafran biex issir *one way* u qal li din ma irnexxietx u inqalgħa kaos sħiħ u qal li għandna niktbulhom illi din is-sistema ma ħadmtietx. Huwa qal li trid issir soluzzjoni għal parti t' isfel meta toħroġ mit-triq id-dejqa.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li jsiru *bollards* fin-nofs tat-triq sabiex ma jaqsmhux minn *lane* għal l-oħra.

Saret diskussjoni fuq dawn il-*bollards* però sar qbil li nitolbu sabiex jsiru dawn il-*bollards*.

Kien hemm qbil li nitolbu għal dawn il-*bollards* u jsiru it-tabelli fil-bidu ta' Triq iż-Żafran *no aċċess to* Triq Sant'Antnin going to Zabbar/Zejtun, tabella *no right turn* u tabella *left turn.*

Il-Viċi Sindku Janice Falzon staqsiet fuq xiex wasalna fuq it-*traffic management* ta' Bellavista.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser nistennew li jinħatar il-Perit il-ġdid u jsir *traffic management* mingħand il-Perit

54.2.2.16 Is-Sindku tkellem fuq paġna 10 paragrafu 53.7.7 jekk għandiex risposta mingħand il-Perit fuq is-suġġerimenti tal-proposta ta' dan l-individwu li jestendi il-bankina quddiem Dar Velazquez.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bgħatlu però s'issa għand ma għandiex risposta.

Kien hemm qbil li nibgħatulu reminder.

54.2.2.17 Is-Sindku tkellem fuq paġna 12 paragrafu 53.9.1 jekk bgħatniex din ir-rikjesta.

Reġa kien hemm diskussjoni fuq din fejn kien hemm qbil li nitolbu lil *Infrastructure Malta* sabiex l-*isleeping policeman* li għamlu huwa tal-plastik minflokk dik li kien hemm tat-tarmak tiġi rilokata iktar il-fuq.

Is-Sindku qal li x-xogħol fi Triq San Gwakkin għadu mhux lest infatti għad iridu jitħawlu s-siġar.

54.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

54.3.1 **<u>Torn tyre in Marsaskala (35/3681/23/I)</u>**

Is-Sindku qal li kien klejm ta' persuna fuq *tyre* li qatta minħabba tappira quddiem is-Summer Nights.

Kien hemm qbil li jingħata 70% tal-ispejjeż.

Is-Sindku qal li talab lil kuntrattur tagħna sabiex jattija b'ħadida u qal li l-kuntrattur qed jitlob lilna sabiex napplikaw aħna biex isir ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna qatt ma għamilnija però ser jerġa jitkellem mal-kuntrattur tal-*patching*.

54.3.2 **<u>Rampa tiżloq immens (35/3683/23/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm biċċa rampa tiżloq inti u dieħel għal bandli Pjazza Mifsud Bonnici.

Kien hemm qbil illi jinbidlu il-*mattoncini tiles*.

- ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-7.03pm***

54.3.3 **<u>Inawgurazzjoni tal-Moll ta' San Ġorg:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon , il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri, u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew għall-ftuħ tal-moll il-ġdid ġewwa Triq San Gorg fuq stedina min-naħa tat- TM. Huwa kompla jispjega li skond l-imejl kienu mistiedna biex jkunu fuq il-post fid-9.30am iżda meta wasal flimkien mal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri, u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kien spiċċa kollox għax il-konferenza bdiet fid 9.00am.

54.3.4 **<u>Proġett fuq il-Promenade:</u>**

Is-Sindku spjega illi flimkien mal-Kunsillier John Baptist Camilleri, kellhom laqgħa mal-Perit Karen Abela min-naħa tal- MTA, l-inġinier u *electricians* min-naħa tal-Ministeru tax-xogħolijiet, rigward il-proġett ta` miljun u nofs ewro fuq il-*Promenade* minn fejn il-Pixxina sal- eks Jerma. Huwa qal li kienet diskussjoni tajba speċjalment fuq il-lanterni dekorattivi u biex ikun jistgħu jsir id-dawl jrid jinqalgħu is-sotto bank. Huwa qal ukoll illi min-naħa tal-*cleansing* inbidlu l-*bins* kollha minn fuq il-*bridge* san-naħa tal-Jerma.

54.3.5 **Laqgħa tar-Reġjun rigward l-iskart:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa tar-Regjun rigward il-kuntrattur tal-iskart, fejn spjega li 12 il-Kunsill kellhom problemi simili. Huwa żied jgħid li attenda għal waste management brief organizzat minn rappreżentant tal-Era is-Sinjura Amy Galea u mas-Sur Duca fejn qal li hemm 6 lokalitajiet f'Malta li għandhom iktar problemi minn lokalitajiet oħra u Marsaskala hija waħda minnhom minħabba l-influss ta nies li għandna speċjalment fix-xhur tas-sajf.

54.3.6 **Skeda tal-knies:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mal-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri rigward il-kenniesa sabiex jitjieb il-programm tal-knis. Huwa qal li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri offra l-għajnuna tiegħu u anke tkellmu wkoll biex inżidu kennies dejjem jekk ix-xogħol jitjieb, iżda din ma qablux fuqha.

54.3.7 **Street Weight Lifting:**

Is-Sindku qal li l-*istreet weight lifting* li kienet amalgamata ma Jum Marsaskala u li sar fuq s-simenta, ħareġ tajjeb ħafna fejn ipparteċipaw ħafna żgħażagħ skaliżi. Huwa qal li saret ukoll kompetizzjoni bejn il-parteċipanti u ngħata *token* lis-Sur Jesmond Caruana li huwa l-*orginiser* għaliex rnexxielu jgħaqqad żgħażagħ permezz ta` dan l-isport.

54.3.8 **Collective Art Exhibition Jum Marsaskala:**

Is-Sindku qal li din saret fis-sala tal-Kunsill fejn ġew esebiti diversi xogħolijiet ta` aristi skaliżi u oħrajn u din kienet ta' suċċess. Il-Kunsill għadda token ta` parteċipazzjoni lill-organizzatur s-Sur Kris Debono.

54.3.9 **Quddiesa ta' Ringrazzjament u tberik tal-annimal Jum Marsaskala**

Is-Sindku qal li l-Ħadd saret il-quddiesa ta ringrazzjament, kif ukoll it-tberik tal-annimali, xow ta' vetturi antiki, muturi u anke trakkijiet tul ix-xatt. Huwa qal li ingħataw tokens ta` parteċipazzjoni.

54.3.10 **Laqgħa Waste Management Obligations, Enforcement Aspects and other Matters**

Is-Sindku qal li attenda għal din il-laqgħa fejn tkellmu fuq il-problemi tal-iskart u anke fuq l-ifurzar li dan qed isir billi rappreżentati tal-ERA qed jduru il-lokal u jekk jaraw persuna li ħarġet il-borża mhux skond l-iskeda dawn jiġu imħarka u diġà tħarku 18 il-persuna li l-maġġor parti huma barranin. Huwa kompla jispjega illi mill-15 ta' Ottubru ser jkun hemm *task force* fejn dawn kif jara persuna bil-borża f'idejhom jiftħu il-borża u jekk jaraw li fijha skart mormi hux kif suppost, jekk le dawn jiġi mħarrka.

Is-Sindku qal li qed inwaħħlu tabelli bl-iskeda tal-iskart

**54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

**54.4.1 Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur John B Camilleri:**

*Nixtieq nistaqsi għaliex il-qsari ta' madwar ix-xatt baqgħu bil-ħaxix u bla qsaru u fjuri. Meta ħa jitlesta żbir tal-palm li suppost kellu jkun lest f'Mejju.*

Is-Sindku qal li din diġà spjegaha iktar kmieni f'din is-seduta fejn qal illi Project Green ser jiżirhu il-ħwat ta' Triq ix-Xatt bil-pjanata Carissa li tgħamel furi sofor u ħomor.

**54.5 Rapporti:**

Ma kienx hemm rapporti.

**54.6 *Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**54.7 *Korrispondenza:***

54.7.1 **PA4581/23 – 18/21 Triq San Gwakkin Marsaskala (35/3590/23/I) Dr Melanie Sammut**
54.7.2 **PA4581/23 – 18/21 Triq San Gwakkin Marsaskala (35/3590/23/I) Dr Melanie Sammut**
54.7.3 **PA4581/23 – 18/21 Triq San Gwakkin Marsaskala (35/3590/23/I) Perit Marco Rota**

- ***Il-Viċi Sindku ddikjarat konflitt t'interess u ħarġet mill-laqgħa.***

54.7.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jaqra l-ewwel komunikat u spjega illi l-ewwel ħaġa li għamel kien li ikkomunika ma' Dr Melanie Sammut u spjegala illi b'dak li kitbet ma kienetx bgħatet it-*technical representations*. Huwa spejga ukoll illi peress li *representation period* huwa fl-istess data tal-laqgħa tal-Kunsill allura huwa daħħal *general objection* u anke talab lil Perit tal-Kunsill jgħamel it-*technical representation* tiegħu u anke daħħalhom bħala *objection*. Huwa spjega illi f'każ li l-Kunsilli jiddeċiedi li ma joġġezzjonax għandu dritt li jirtira kollox

54.7.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara it-tieni komunikat ta' Dr Melanie Sammut u iproċeda sabiex jaqra it-tielet komunikat tal-Perit William Lewis. Huwa spejga illi il-Perit qed jgħid li f'din iż-żona huwa permissibbli *hostel* u mhux *hotel* u għaldaqstant peress li *hostel* ma jibbenifikawx mill-height limimtation policies tal-hotels u ma jistgħux jgħollu is-sulari li jkunu permissibbli biss għal lukanda. Huwa talaba lil Kunsilliera preżenti sabiex jieħdu deċiżjoni fuq il-kontenut tal-ittri ta' Dr Melanie Sammut li qed tirrepreżenta grupp ta' residenti u l-Perit tal-Kunsill.

54.7.1.3 Is-Sindku beda biex jgħid illi l-Viċi Sindku għamlet sew li iddikjarat kunflitt ta' interess għaliex hija waħda mid-Diretturi ta' din il-kumpanija. Huwa qal li huwa tkellem ma dawn ir-residenti u anke mar fuq il-post fejn stqarrew miegħu id-diversi problemi li din il-lukanda tista iġġib kif ukoll il-problema tal-garaxxijiet li kif wieħed iħaffer hemmek jsib l-ilma. Huwa qal li *case in point* hija l-binja tagħna għax lanqas stajna indaħħlu garaxx u weħilna aktar flus biex saru *pillars.* Huwa żied jgħid ukoll li residenti kienu preokkupati ħafna minn storbju tal-kowċis meta jġibu t-turisti peress li triq dejqa, bil-pool, ħitan għoljin li ser jgħalqu l-arja kif ukoll storbju b`xi *entertainment.* Huwa qal li huma mhux kontra l-iżvilupp iżda kontra il-lukanda.

Is-Sindku qal li huwa fl-opinjoni tiegħu ma jaqbielx ma dan il-proġett u għaldaqstant il-Kunsill għandu joġġezzjona.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu hawn ir-residenti qed jkunu objettivi fuq il-preokupazzjonijiet tagħhom għaliex din l-area hija area residenzjali

54.7.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa importanti illi jaraw it-*technical issues* li għamel il-Perit.

54.7.1.5 Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa fl-opinjoni tiegħu il-parti teknika ġiet evalwata tajjeb min-naħa tal-Perit tal-Kunsill u anke punti fejn kemm il-Perit tal-Kunsill kif ukoll l-Avukata ta'dawn ir-residenti qed jaqblu fuqhom. Huwa qal li wahda mill-punti prinċipali fost id-diversi punti li issemmew huwa il-punt illi ġo żoni residenzjali jistgħu jiġu applikati *hostels* u mhux *hotel* u dawn jiddeterminaw li l-għoli tas-sulari jkun hekk bħal dak residenzjanli u għaldaqstant huwa jaqbel li issir l-oġġezjoni min-naħa tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li bħala politikanti li jirrapreżentaw lir-residenti allura għandha ukoll inwasslu il-messaġġ tar-residenti ta dik l-area.

54.7.1.6 Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar propona din il-mozzjoni b'urġenza u s-Sindku Issekonda.

***Jipproponi illi il-Kunsill joġġezzjona għal permess tal-iżvilupp PA4581/23 u dan wara li saret evalwazzjoni teknika mill-Perit tal-Kunsill fuq dan il-permess, fost diversi punti tekniċi illi l-applikazzjoni qeda għal hotel mentri ġo dik l-area tista biss issir hostel.***

***It-talba ta' dawn ir-residenti għanda tiġi nfurzata ukoll bl-oġġezzjoni tal-Kunsill. It-technical reprasentation tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll, ir-rappreżentatzzjoni tal-Avukat tar-residenti anke il-parti teknika li resqet huma ġusti u il-Kunsill għandu joġġezzjona.***

Il-Votazzjoni fuq din il-mozzjoni kienet hekk kif ġejja:

**Favur (4) – Is-Sindku, il-Kunsillier Dr Errol Cutajar, il-Kunsillier Maryrose Mifsud, il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri**

**Kontra (0)**

**Astenzjoni (1) – Il-Kunsillier Perit John Schembri.**

Il-Viċi Sindku reġgħet ingħaqdet fil-laqgħa u iddikjarat illi hija ma tiffirmax parti minn din il-kumpjanija u mhux Direttur.

Is-Sindku skuża ruħu u irtira dan il-kumment.

**54.7.4 Welcome to Zibel Tribe – Launch Partner (35/3509/23/I)**

Il-Kunsill qabel li s-Sindku jitlob laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa aħjar din it-talba miegħu.

**54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 54:**

***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**54.9 Mozzjonijiet:**

## 54.9.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mis-Sindku (150– 10/09/23):

*"Jipproponi sabiex wara ħafna abbużi mill-funtana tal-Ġnien Charles Clews għal darb oħra nipproponi li timtela bil-ħamrija u jitħawlu siġar. Dan kien qed isir saħansitra għawm fil-funtana minn xi nies mhux magħrufa."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata għaliex minflokk ser isir railing għoli metru.

## 54.9.2 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri (151 – 12/9/23):

*"Jipproponi sabiex jitkompla ir-resurfacing tal-Bidni. Għalkemm saru xi partijiet minnu tħallew biċċiet li ma sarux u komplew jideterjiraw dawn ix-xhur. Din it-triq tintuza ħafna speċjalment meta il-baħar ikun imqalleb jew għoli."*

Din il-mozzjoni ser terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss peress li l-Kunsillier mhux qiegħed preżenti.

## 54.9.3 Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (152 – 18/9/23):

*"Tipproponi li napplikaw għall-iskema li ħarġu l-Kultura -* ***Scheme aimed at preserving traditional boats*** *- biex nirrestawraw il-Luzzu u l-Kajjik. L-għaqda tad-dgħajjes tradizzjonali offrew anke l-għajnuna tagħhom.*

*Nifhem li suppost l-applikanti irid ikollhom id-dgħajjes reġistrati pero` diġa qed tintgħalab amnestija fuq dawk li ma hijomx.  Mhux ser nitilfu xejn billi nippruvaw, l-applikazzjoni għandha tkun structural u re-paint."*

Il-Kunsill qabel li nitolbu sabiex jirrestawraw il-Luzzu ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas u meta jkun hemm bżonn i jsirilha iż-żebgħa jsir il-luzz ta' Triq il-Blajjiet.

54.9.4 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon (153 – 18/9/23):**

*"Tipproponi li nallokaw fondi sabiex jigu miżbura kif suppost il-palm (washingtonia) li għandna Marsaskala mill-aktar fis possibbli.."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

54.9.5 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar (154 – 18/9/23):**

*"Tipproponi li l-bandli taż-żonqor inżidu bandla li hija ċċertifikata u addatata għal tfal zgħar (toddlers) fejn l-oħra."*

Kien hemm qbil li nistennew il-ħatra tal-Perit il-ġdid u naraw jekk tistax issir.

54.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm.  Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 18 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmat*** | ***Iffirmat*** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |